**Laqgħa Numru 6**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**18 ta' Novembru 2019**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 28, Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.10 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Hubert Saliba | - Sindku |
| Paul Azzopardi | - Viċi Sindku |
| Jeanelle Attard | - Kunsilliera |
| Johnny Vella | - Kunsillier |
| Domenic Zerafa | - Kunsillier |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

**6.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

6.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

*Il-Kunsilliera Jeanelle Attard daħlet fil-kamra fl-4.17pm.*

**6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

6.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 6 li saret nhar it-Tnejnd Ġimgħa 13 ta' Settembru 2019 kienu ġew ċċirkolati b'imejl minn qabel il-laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi-Sindku talab li ssir korezzjoni fuq punt 5.6.8 biex jiżdied il-kliem li r-rapport imħejji minn GaleaCurmi kellhu bilfors isir biex eventwalment kien tkun tista' toħroġ is-sejħa għall-offerti għall-*Open Gym.* Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu li ssir din il-korezzjoni u s-Segretarju ħadet nota ta' dan.

**6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

6.3.1 **Miss Xewkija** Is-Sindku laqa' lis-Sa Emily Hili li ser tirrapreżenta lix-Xewkija f'Miss Malta fit-28 ta' Frar 2019. Waqt li awguralha kull suċċess offrilha li fejn nistgħu nkunu t'għajnuna bħala Kunsill, il-Kunsill lest li jagħti s-sapport kontinwu. Is-Sindku stieden lil Miss Xewkija tattendi waqt is-serata ta' Jum Ix-Xewkija. Ittieħed ritratt tal-okkażjoni u waqt li s- Sa Hili rringrazzjat lil membri kollha tal-Kunsill ħarġet mill-kamra tal-laqgħa.

6.3.2 **Triq Il-Kbira** Is-Sindku kkomunika li kien ġie kuntattjat min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex fejn fi ftit jiem kellhu jiġi ffirmat il-kuntratt biex il-Ministru t'Għawdex tgħaddi l-fondi biex isir Triq Il-Kbira. Il-membri tal-Kunsill irrikonoxxew il-bżonn li din it-triq tingħata wiċċ ġdid. Il-Viċi-Sindku ġibed l-attenzjoni li tajjeb li l-Kunsill jiċċekja mal-WSC rigward sistema ġdida tad-drenaġġ fl-istess triq.

6.3.3 **Contract manager**. Is-Sindku kkomunika li kien jagħmel sens li s-sejħa tal-*contract manager* toħroġ flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Sannat u x-Xagħra, l-istess lokalitajiet li magħhom għandna l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart dosmetiku wara li l-istess kunsilli kien kkomunika mal-Kunsill biex dan isir. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu unanimament ma' dan.

6.3.4 **Monti tax-Xewkija** Is-Sindku kkomunika li kien hemm numru ta' bejjiegħa li kkuntatjawh biex jibdew jarmaw fil-monti li qed ikun organizzat kull nhar ta' Sibt fi Triq Widnet Il-Baħar. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew li jkun aħjar li jiġu mmarkati l-kaxex tal-bejjiegħa li diġa' hemm biex b'hekk il-Kunsill ikun ċert li hemm wisa' għall-bejjiegħa ġodda. Il-Kunsill qabel li wieħed għandu ukoll jesplora l-possibilta' li jiżdiedu l-bejjiegħa fejn kien hemm il-BIS biswit Ġnien Il-Ħaddiem. Il-Viċi-Sindku ssuġġerriexxa li jsir avviż fil-Gazzetta tal-Gvern għal kull nhar ta' Sibt biex il-pubbliku jkun infurmat li din it-triq qed tkun magħluqa. Il-Kunsill iddiskutta l-possibilita' li jsiru bollards fejn San Ġwann peress li l-barriers mhumiex qed jilħqu l-iskop tagħhom. Għalhekk is-Segretarju kellha tiċċekja ma' Transport Malta biex wieħed jara jekk bollards jitlgħu u jinżlu humiex permessi u dan peress li kien hemm minn kien qed jabbuża u jidħol xorta bil-vetturi waqt li l-monti jkun armat.

6.3.4 **Pjazza San Ġwann** Is-Sindku kkomunika li saret talba biex Transport Malta tara fejn għandhom jiġu mmarkati s-sinjali s-sofor fil-Pjazza għax kif inhi bħalissa l-gwardjani, pulizijia u uffiċjali minn Transport Malta ma jistax jagħtu ċitazzjonijiet meta m'hemmx sinjali tat-traffiku imkien. Il-Kunsill iddiskutta u qabel li meta jsiru dawn is-sinjali, il-Kunsill kellhu jqabbad gwardjan lokali *extra* biex ikun jista' jinqata' l-abbuż ta' parkeġġ bl-addoċċ fil-pjazza. Is-Sindku rreferra għall-ilmenti li kien irċieva fuq il-problema tad-drenaġġ li residenti u ħwienet fil-pjazza kienu

qed jaffaċjaw minn kemm ilha li nqalgħet il-pjazza. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien talab lir-residenti biex jikkuntatjah immedjatament meta l-problema terġa' tippersisti. Rigward il-funtana tal-pjazza, is-Sindku nforma lil membri tal-Kunsill li kienet saret talba biex din taqa' taħt ir-responsabilita' tas-sessjoni ta' Monumenti u Funtani fi ħdan il-Ministeru t'Għawdex.

6.3.5 **Gaudos Half Marathon** Is-Sindku kkomunika li kellhu laqgħa ma' wieħed mill-organizzaturi ta' din il-marathona li għal darb'oħra se tkun qed titella' bil-kollobarazzjoni tal-Kunsill. Id-data ġiet ikkonfermata għal Ħadd Il-Palm li s-sena d-dieħla se jaħbat nhar il-Ħadd 5 t'April 2020. Is-Sindku nforma li minħabba li jkun hemm il-purċissjoni ta' Ħadd Il-Palm, it-tlielaq kien se jkollhom jitilqu u jispiċċaw fejn l-istatwa ta' San Ġwann fi Triq Widnet Il-Baħar. Is-Sindku kkomunika li għas-sena 2021 ma kienx se jaċċetta li din it-tellieqa ssir fi żmien l-Għid u li kien intgħażel Jum L-Omm biex din isir. Is-Sindku rreferra għall-fatt li jaħseb li l-Kunsill kellhu jagħżel hu x'jidher fuq il-midalja u mhux l-organizzaturi għażlu mingħarj ma kkonsultaw mal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma' dan.

6.3.5 **Playingfield tal-Ħamrija** B'referenza għall-Proġett maħsub fuq il-Playingfield tal-Ħamrija, daħal fil-kamra l-Perit Edward Scerri. Is-Sindku stieden lill-Perit jispjega fejn kien wasal il-proċess li bih eventwalment il-Kunsill jkun jista' jiġi allokat il-fondi min-naħa tad-*Development Planning Fund.* Il-Perit spjega li l-applikazzjoni kienet intbagħtet għall-aħħar tas-sena li għaddiet fejn min-naħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar kienu ntalbu lista ta' dokumneti li għandhom bżonn. Parti mid-dokumenti mitluba ntbagħtu waqt li kien hemm oħrajn li għadhom ma jistgħux jintbagħtu. Il-Perit spjega li jkun għaqli f'dan l-istadju l-istadju li toħroġ is-sejħa għall-offerti fuq l-*equipment* tal-bandli biex b'hekk ikollna ukoll l-approvazzjoni tac-CRPD. Infatti, hu sostna li kien ikun aħjar li kieku ħareġ dan it-tender l-ewwel għax għalkemm ħarġu t-tenders tad-dawl u x-xogħol ta' infrastruttura dawn ma jistgħux jibdew qabel ma jkun iffirmat il-*Grant Agreement* għall-DPF.

6.3.6 **Tender tal-Equipment għall-Playingfield tal-Ħamrija** Is-Sindku ppropona li fuq is-suġġeriment tal-Perit Edward Scerri, li s-sejħa għat-tender tal-*equipment* tal-bandli kellha toħroġ minnufih. Il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm *equipment* għall-tfal t'etajiet differenti biex jiintlaħqu minn *toddlers* sa adoloxxenti. Il-Kunsill iddiskutta u kien hemm qbil unanimu li għandhu jkun hemm *pyramid* li jixxabtu fuqha, bandla bi 3 *items* li tkun differenti, avventuruża u *safe*, xi ħaġa aċċessibli għall-kulħadd bħal trampoline li persuna bi problemi ta'mobilita' kapaċi titla' fuqu anke b'wheel chair jew xi ħadd fuq wheelchair jkun jista' jitla' fuqu mingħajr problemi Għandu jkun hemm parti għall-*merrygold*. Fin-nofs ghandu jkun hemm il-logħob tradizzjonali mpinġi fl-art. Għal taħt l-*equipment,* il-Kunsill qabel li jsir *Monolatic Material* li hu tip ta' lastku. Il-Viċi-Sindku ssuġġerriexxa li bejn sessjoni u oħra jkun hemm *gym equipment*. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan. Il-Perit għandu jipprepara l-ispeċifikazzjonijiet neċessarji biex is-sejħa għall-offerta tkun jista' joħroġ minnufih.

6.3.7 **Triq Sant'Elizabetta** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-kuntratt fuq din it-triq kien ġie ffirmat min-naħa tal-Kuntrattur. Il-Kunsill kien qed jitlob lill-kuntrattur biex jibda fuq it-triq minnufih.

6.3.8 **Applikazzjoni ta' Triq Il-Loġġa taħt Miżura 4.4** Is-Sindku nfroma lill-Kunsill li kienet għadha kif ġiet sottomessa mill-ġdid l-applikazzjoni fuq il-Ħitan tas-Sejjieħ f'Tal-Loġġa wara li din kienet waqgħet meta ġiet evalwata mill-Bord tal-Evalwazzjoni.

**6.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

6.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet fuq talba tal-għalliema tal-bizzilla biex il-grupp jinqasam f'żewġ gruppi biex tkun tista' tagħti attenzjoni individwali lill-istudenti kollha. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu ma' dan.

6.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni fuq il-parkeġġ bl-addoċċ li qed ikun fejn il-VPA School fi Triq Il-Ħamrija. Il-Kunsill iddiskutta u qabel li għandna mmexxu bl-infurzar anke jekk jintalab is-servizz ta' gwardjan lokali *extra.* Fuq l-istess triq ġie diskuss il-fatt li t-triq kienet mudlama ħafna. Is-Sindku nforma li GaleaCurmi Engineering kienu ġew ikkuntatjati biex jaraw fejn hemm bżonn isiru bozoz.

6.4.3 Il-Kunsillier Johnny Vella gibed l-attenzjoni li l-kurduna fejn il-funtana tal-pjazza kienet inqalgħet wara li ntlaqtet minn xi vettura. Is-Segretarju ħadet nota biex tkellem lill-kuntrattur.

6.4.4 Il-Viċi-Sindku rreferra għall-Triq L-Indipendenza fejn talab li wara li kien tħejja traffic management, ssuġġerriexxa li l-Kunsill kellhu jkompli bil-proċess biex din it-triq eventwalment isir one-way bid-direzzjoni lejn il-pjazza biss. Il-Kunsill iddiskutta t-traffic management imħejji u kien hemm qbil li dan jgħaddi lil Transport Malta biex tkun tista' tapprova wara li tistudja l-pjan u anke tagħti s-suġġerimenti tagħha. Il-Kunsill iddiskutta li Triq Il-Knisja trid isir one way l-isfel u Triq Il-Mitħna trid isir one-way.. Il-Kunsill qabel li dan it-traffic management irid jidħol fis-seħħ fuq prova wara li l-pubbliku inġenerali jkun infurmat tajjeb. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li Triq L-Indipendenza għandha ssir b'parking basis. Fuq l-istess suġġeriment, il-Kunsillier Domenic Zerafa talab li anke Triq San Bert għandha tiġi bil-parking basis.

6.4.5 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward il-ħatra ta' deputat segretarju wara li s-Sur Chrismar Xuereb ma kienx aċċetta din il-kariga. Il-Kunsill iddiskutta u kien hemm qbil unanimu li tinħatar is-Sa Sue-Ellen Bugeja.

6.4.6 Il-Viċi-Sindku rreferra għall-kuntratt tal-kiri tas-sala wara li l-Kap tal-Iskola kienet qed isostni li ma tħallsux mis-sena 2015 sal-lum. Il-Viċi Sindku talab lis-Segretarju tirreferra mill-ġdid għall-kuntratti għax hu ma jiftakarx li kien hemm xi ħlas involut. Meta iċċekjajt il-kuntratti ġie kkonfermat li l-Viċi Sindku kellhu raġun għax kull ma kien qed jitlob il-kuntratt kien biss depożitu. Is-Segretarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tikkuntjatha lill-Kap tal-Iskola mmedjatament biex tgħarrafha b'dan.

6.4.7 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward il-kolloborazzjoni mill-Kunsill fl-istampar tal-magazine li l-iskola primarja toħroġ. Is-Segretarju kkonfermat li qatt ma kienet irċiviet kontijiet tal-istampar u meta talbet lill-Kap tal-Iskola kkonfermat li dawn il-kontijiet dejjem ħarġu fuq l-iskola u tħallsu mill-istess skola. Il-membri tal-Kunsill qablu li kellhom jitolbu lill-iskola tipprovdi l-kont lill-Kunsill li jkopri l-kolloborazzjoni ta' €250 għal kull sena- 2016, 2017, 2018 u 2019.

6.4.8 Il-Viċi Sindku Paul Azzopardi talab li ssir talba biex jitnaddaf ix-xelter lil Ministru t'Għawdex. Il-Viċi Sindku ssostna li dan ix-xelter, li kien ġie devolut lill-Kunsill is-sena li għaddiet, m'għandux bżonn affarijiet kbar biex jinfetaħ. Filfatt li hemm bżonn kien li jgħaddi d-dawl għalih, muturi tal-ventilazzjoni u passaġġ. Rigward il-passaġġ, il-Kunsillier Johnny Vella ssuġġerriexxa li jsir passaġġ b'saħħtu simili għal dak li hemm fil-bajja tar-Ramla.

**6.5 Attivitajiet:**

**Jum Ix-Xewkija**

6.5.1 Is-Sindku kkomunika li Jum Ix-Xewkija kellhu jiġi postpost mis-Sibt 23 ta' Novembru 2019 għall-Ġimgħa 29 ta' Novembru 2019 wara ċirkostanzi li l-Kunsill ma kellhux kontrol fuqhom.

6.5.2 Is-Sindku kkomunika li filghodu kien preżenti għal-*launching* tar-Reverse Osmosis fl-Iskola Primarja tax-Xewkija fejn kien hemm ukoll preżenti l-Ministru li wriet ix-xewqa li l-*items* imtella' mill-klassijiet tal-Ħames u s-Sitt sena jiġu ppreżentati waqt is-serata ta' Jum Ix-Xewkija. Dawn kienu reċta qasira u riċerka biex wieħed isir aktar konxju mill-iskart li qed niġġennerraw.

6.5.3 Is-Sindku kkomunika li l-preparamenti għall-attivita' bl-isem ta' *Adventure Paradise* imtella' bil-kollobarazzjoni tal-Għaqda Armar kienu saru kollha. L-unika problema hi li kien previst il-maltemp għall-Ħadd 24 ta' Novembru 2019 u din l-attivita' kien ikollha ssir fis-sala tal-iskola primarja bid-*demonstration tac-CPD u zip-lininig* ikollhom jiġu kkanċellati. Is-Sindku nforma li kien ser isir ir-risk assessment maħsub l-Erbgħa 18 ta' Novembru 2019. Is-Segretarju ħadet nota biex tiċċekja jekk hux obbligat isir *risk assessment* dramment li l-attivita' jsir ġewwa.

6.5.4 Il-ġurnata għall-attivita' mmirata għat-tfal tal-iskola kellha tinbidel peress li l-Kap tal-Iskola kienet għada kif infurmat lis-Segretarju li t-Tnejn 25 ta' Novembru 2019 ma setgħetx isir l-attivita' fis-sala peress li s-sala kienet ibbukjata għal dik il-ġurnata. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard kellha tikkonferma d-data l-ġdida.

**Milied**

6.5.5 Is-Sindku kkomunika li xtaq li tiġi organizzata ħarġa għall-famija bit-tfal għac-ċirku f'Baħar Iċ-Ċagħaq. Dan wara li l-Kunsill kien irċieva imejl fejn gruppi t'aktar minn 30 kienu jikkwalifikaw għall-prezz ridott. Il-membri ddiskuttew u kien hemm qbil unanimu li l-ġurnata kellha tkun is-Sibt 28 ta' Diċembru 2019.

6.5.6 Is-Sindku rreferra għall-Ħarġa għall-Anzjani tal-Milied li ssir kull sena. Il-Kunsill iddiskutta u kien hemm qbil unanimu li din isir it-Tlieta 17 ta' Diċembru 2019 b'quddiesa fil-knisja l-qaddiema t'Għajnsielem fejn hemm ukoll hemm wirja ta' presepji mill-Italja. Wara żjara l-presepju ta' Betlem f'Għajnsielem b'tombla u ikla fl-istess lokalita'.

6.5.7 B'referenza għall-*Christmas Market* maħsub għat-13 u 14 ta' Diċembru, s-Sindku kkomunika li l-preparamenti kien għaddejjin ġmielhom. Dakinhar filgħodu stess is-Sindku kien kellem liċ-*Chief of Staff* fi ħdan il-Ministeru tat-Turiżmu fejn kien ikkonferma fuq it-telephone li kienu lest jagħtu sa €2000. Is-Sindku kien qed jistenna li dan il-ftehim ikun ikkonfermat bil-miktub. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew kemm kienet se tkun il-kolloborazzjoni min-naħa tal-Kunsill u kien hemm qbil li din il-kolloborazzjoni tkun ta' €1000 u dan wara li l-Kunsill kien applika taħt il-fond tal-LESA biex tittella' din l-attivita'.

6.5.8 Is-Sindku kkomunika li xtaq li l-ikla tal-istaff din is-sena isir bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Indispost l-ikla kellha ssir nhar il-Ħadd 5 ta' Jannar filgħaxija.

**6.6 Rapporti tal-Evalwazzjoni:**

6.6.1 **Tender tal-Avukat** Fuq il-mejda tal-Kunsill, is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Evalwazzjoni mill-Bord tal-Evalwazzjoni. Il-membri tal-Kunsill unanimament approvaw din ir-rakomodazzjoni.

6.6.2 **Tender tal-Playingfield tal-Ħamrija** Fuq il-mejda tal-Kunsill ġie preżentat ir-rapport tal-Evalwazzjoni mill-Bord tal-Evalwazzjoni ta' din is-sejħa tal-offerti. Il-membri tal-Kunsill unanimament approvaw ir-rakomodazzjoni tal-istess bord.

**6.7 Korrispondenza u Materji Oħra**

6.7.1 Talba minn persuna biex il-passaġġ ta' taħt il-JCR li jwassal għall-wied ta' Mġarr ix-Xini jitkompla bic-cement biex dawk li jaħdmu l-għelieqi f'dawk l-inħawi jkollhom aktar aċċessibilta. Il-Kunsill iddiskutta li jekk ikun hemm xi fondi jieħu l-opportunita' biex japplika.

6.7.2 Residenta fi Triq Ċanga, talbet biex titwaħħal mera faċċata tad-drive-in tagħha peress li t-triq hija dejqa u traffikuża ħafna. Il-Kunsill qabel li din il-mera ssir.

6.7.3 Talba biex isir patching fit-triq maġenb il-Wasteserv. Il-Kunsill qabel li din it-triq kellha ssir meta jsir il-patching.

6.7.4 Ċirkulari AKL 2019/122 – Rappreżentazzjoni b'risq id-Dar tal-Providenza fl-istitut Kattoliku.

6.7.5 Ċirkulari AKL 2019/123 – Mużew tal-Gwerra u l-Kunsilli Lokali. Talba mis-Sur Charles Debono, Kuratur tal-Mużew tal-Gwerra, biex il-Kunsilli kollha ta' Malta u Għawdex jibgħatu lista ta' monument/lapidi jew postijiet storiċi li jinsabu fil-lokal tagħhom biex jinkludihom fil-Guide Book li hu qed jaħdem fuqu.

6.7.6 Ċirkulari AKL 2019/124 – World Children's Day. L-Uffiċċju tal-Kummissjoni għat-Tfal iħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jorganizzaw attivita għat-tfal fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal. Il-Kunsill iddiskutta li l-attivita' bil-kolloborazzjoni tal-Għaqda tal-Armar bl-isem ta' Adventure Paradise kienet taqa' taħt il-kriteriji msemmija f'din iċ-Ċirkulari.

6.7.7 Imejl mibgħut mingħand is-Sur Joseph Cassar dwar l-MOC Sports Awards, fejn jingħata Award lil dak il-Kunsill Lokali li jkun ta l-akbar kontribut lill-isport Malti fil-lokalita tiegħu. Il-Kunsilli li jixtiequ japplikaw għandhom jibgħatu ittra dettaljata u ritratti dwar attivita sportiva li jkun wettaq matul is-sena. Il-Kunsill innota l-kontenut.

6.7.8 Korispondenza mis-Segretarjur Eżekutti permezz ta' imejl lis-Sur Chrismar Xuereb dwar is-suġġeriment tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija biex jiġi maħtur Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Chrismar Xuereb informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ma kienx qed jaċċetta din il-ħatra.

6.7.9 Imejl dwar it-tielet edizzjoni tal-Malta Architecture and Spatial Planning Conference. Din ser issir nhar il-Ħamis 7 ta' Novembru 2019 fil-Hilton.

6.7.10 Invit għas-Seminar Internazzjonali Local4Green Project li ser isir nhar it-Tlieta, 22 ta' Ottubru 2019.

6.7.11 Imejl mill-Assistant Principal is-Sur Chrismar Xuereb, fejn talab lis-Sa Mary Haber, uffiċċjali fis-Segretarjat fil-Ministeru Għal Għawdex, biex issir il-mera fi Triq Il-Ħamrija li kienet teżisti qabel ma' saret it-Triq mill-ġdid. Hija nfurmat lis-Sur Lorry Apap u l-mera twaħħlet.

6.7.12 Imejl mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex dwar rikjesta għall-bdil fl-iskeda tal-ġbir tal-ħġieġ. Ir-Reġjun Għawdex ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-talba tal-kuntratturi sabiex il-ġbir tal-ħġieġ jibda jsir l-ewwel Ġimgħa minflokk l-ewwel Ħamis tax-xahar. Id-deċiżjoni finali tibqa fid-diskezzjoni tal-Kunsilli Lokali wara li tkun ġiet diskussa fi ħdanhom. I

6.7.13 Invit mingħand il-kap tal-iskola primarja tax-Xewkija, is-Sa Frankline Zammit Galea, għall-inawgurazzjoni tar-reverse osmosis.

6.7.14 Resident talab biex fejn waqqgħu dar fi Triq San Ġwann c/w Triq tal-Ħamrija, faċċata ta' Triq Sansun, titwessa' t-triq biex tiġi aktar sigura għat-traffiku peress li f'dik il-parti t-triq hija wisq dejqa. Din id-dar li waqggħu fil-preżent għaddeja fi proċess ta' kostruzzjoni. Il-Kunsill iddiskutta u unanimament qabel li hemm l-Awtorita' tal-Ippjanar responsabli.

6.7.15 Konferenza dwar Fondi tal-Unjoni Ewropeja f'Malta – Ħarsa Lura u l'Quddiem.

6.7.16 Imejl mingħand l-Għaqda Dilettanti tan-Nar Xewkija fejn talbu għall-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ix-Xewkija fil-kalendarju 2020. Il-membri tal-Kunsill iddeċidew li ma kinux ser jikkoloborraw.

6.7.17 Imejl mis-Segretarju tal-Kumitat Ċentrali tal-Festa, s-Sur Joseph Vella, fejn qal li il-membri kollha tal-Kumitat qablu mal-istqarrija AKL 04/2019 biex jeliminaw il-plastic, b'mod partikolari bżieżaq u plastic mitfuħ waqt il-marċijiet.

6.7.18 Invit għal konferenza: Pegasus and Stepping – li ser issir nhar il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2019.

6.7.19 Imejl mingħand is-Sa Graziella Zerafa Piccinino dwar il-President's Solidarity Fun Run li ser issir nhar il-Ħadd 24 ta' Novembru 2019. Hija stiednet lill-kumpaniji/gruppi biex jieħdu sehem.

6.7.20 Imejl mingħand is-Segretarju Ġenerali tas-Soċjeta' Filarmonika Prekursur, is-Sur Charles Borg dwar l-idea ta' Christmas Market fil-pjazza tax-Xewkija. Is-Sur Borg talab għall-kollaborazzjoni tal-Kunsill għall-Kor, Banda, Dcapitals, Brass Tube u photographer. L-ammont totali huwa ta' €2,960.00

6.7.21 Imejl mingħand is-Sa Suzanne Piscopo dwar l-karattru popolari ta' Fonzu l-fenek. Is-Sa Piscopo kkonfermat l-istedina tal-Kunsill Lokali ix-Xewkija biex jipparteċipa fl-attivita Adventure Paradise, il-Ħadd 24 ta' Novembru 2019.

6.7.22 Talba mis-Sur Chrismar Xuereb lis-Sa Mary Haber mis-Segretarjat fil-Ministeru għal Għawdex, fejn talab biex isiru Zebra Crossings fi Triq tal-Ħamrija, wara diversi talbiet mir-residenti. Is-Sa Haber bgħatet it-talba lis-Sur Lorry Apap, fejn min-naħħa tiegħu wieġeb li x-xogħol fuq Triq tal-Ħamrija dam għaddej kważi sena'. Huwa staqsa kif il-Kunsill qed jitkellem issa. Huwa qal illi mhux problema biex isiru zebra crossings, pero staqsa jekk għandhomx jerġgħu jaqsmu t-triq għat-Traffic Lights.

6.7.23 Imejl mingħand is-Sur Matthew Dimech, Segretarju Eżekuttiv tal-Malta National Children's Choir. Is-sur Dimech stieden lill-Kunsilli li jixtiequ jorganizzaw ħarġa għall-anzjani jew għat-tfal biex jattendu għall-kunċert marbut mal-Milied imtella' mill-Malta National Children's Choir, il-Ġimgħa 13 ta' Novembru 2019. Prezzijiet speċjali huma offruti lill-Kunsilli Lokali.

6.7.24 Imejl dwar konferenza Nazzjonali dwar it-Tindif li ser issir nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2019.

6.7.25 Suġġeriment mis-Sa Roseanne Apap minn Herbalife biex ittella’ laqgħa nformattiva fuq x’wieħed għandu jiekol/saħħa/nutrition b’xejn għar-residenti. Din is-sessjoni kellha ssir nhar il-Ġimgħa 22 ta’ Novembru 22019

6.7.26 Ċirkulari 20/2019 – Emendi fl-Allowances.

6.7.27 Ċirkulari – Donazzjoni għall-Istrina 2019. L-istrina organizzata mill-Malta Community Chest Fund ser tkun organizzata nhar il-Ħamis 26 ta’ Diċembru 2019.

6.7.28 Notifika mill-Awtorita tal-Ippjanar - Malta Architecture and Spatial Planning Awards – Dan il-premju jservi biex jagħti rikonoxximent xieraq lill-proġetti li juru livell eċċellenti fil-kwalita tal-arkitettura u valur fid-disinn tal-ambjent mibni fil-lokalita.

**6.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

6.8.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta’ pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**6.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

6.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.56pm. Il-Kunsilliera unanimament qablu li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar it-Tnejn 16 ta’ Diċembru fl-4.00pm.

Konfermati, illum 16 ta’ Diċembru 2020

**IFFIRMATA**

____________________

Hubert Saliba

Sindku

**IFFIRMATA**

_______________________

Marion Attard

Segretarju Eżekuttiv